

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/173**tas-16 ta' Novembru 2018****li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb u l-kadmju fil-linka tal-istampar għall-applikazzjoni ta' enameli fuq il-ħġieġ****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih ċerti sustanzi perikolużi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Dak ir-rekwiżit ma japplikax għall-applikazzjonijiet elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (2) Il-kategoriji differenti tat-tagħmir elettriku u elettroniku li għalihom tapplika d-Direttiva 2011/65/UE (kategoriji 1 sa 11) huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (3) Iċ-ċomb u l-kadmju huma sustanzi ristretti elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE. Madankollu, l-użu taċ-ċomb u l-kadmju f'ċerti applikazzjonijiet tal-istampar fuq il-ħġieġ, kien eżentat mir-restrizzjoni u bħalissa hu elenkat fl-entrata 21 tal-Anness III ta' dik id-Direttiva. Għall-kategoriji 1 sa 7 u 10, l-iskadenza ta' dik l-eżenzjoni kienet il-21 ta' Lulju 2016.
- (4) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal tiġdid ta' dik l-eżenzjoni qabel il-21 ta' Jannar 2015, skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2011/65/UE. L-eżenzjoni tibqa' valida sakemm tkun ġiet adottata deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni.
- (5) Iċ-ċomb u l-kadmju fil-linka tal-istampar applikati fuq il-ħġieġ jipprovdu mmarrar durabbli tal-prodott, l-aktar fuq il-bozoz tal-ħġieġ tal-lampi. L-immarrar jaqdi bosta skopijiet fosthom għall-immarrar CE (il-konformità Ewropea) u WEEE (skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku), jidentifika l-produttur, it-tip ta' lampa u l-potenza, li huma rilevanti għas-sikurezza, għall-bidla korretta tal-lampa u għar-riċiklaġġ. Id-durabbiltà tal-immarrar hi importanti biex l-immarrar tal-prodott jibqa' leġġibbli tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, kif jeżiġu l-legģizzazzjonijiet u l-istandards tas-sikurezza tal-prodott.
- (6) Iċ-ċomb jipprovdi proprjetajiet essenzjali, fosthom adegżjoni tajba, temperaturi aktar baxxi tal-enamellar, aktar durabbiltà u opaċità.
- (7) Il-kadmju jintuża biex jinkisbu ċerti kuluri tal-enamel f'diversi oqsma ta' applikazzjonijiet, inkluż applikazzjonijiet għal finijiet ta' sikurezza u ta' twissija meta ċerti kuluri jitqiesu li jżidu l-viżibbiltà. Dan jipprovdi wkoll funzjonijiet importanti ta' ffiltrar.
- (8) Sostituzzjoni jew tneħħija taċ-ċomb għadhom mhumiex prattiċi mil-lat xjentifiku jew tekniku għal ċerti applikazzjonijiet koperti mill-eżenzjoni attwali fir-rigward tal-kategoriji 1 sa 7 u 10 minħabba n-nuqqas ta' sostituti affidabbli. L-eżenzjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Għaldaqstant jenħtieġ li l-eżenzjoni tiġġedded għal dawk l-applikazzjonijiet u l-kategoriji partikolari.
- (9) Sostituzzjoni jew tneħħija tal-kadmju għadhom mhumiex prattiċi mil-lat xjentifiku jew tekniku għal ċerti applikazzjonijiet koperti mill-eżenzjoni attwali fir-rigward tal-kategoriji 1 sa 7 u 10 minħabba n-nuqqas ta' sostituti affidabbli. L-eżenzjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għaldaqstant jenħtieġ li l-eżenzjoni tiġġedded għal dawk l-applikazzjonijiet u l-kategoriji partikolari.

⁽¹⁾ ĠUL 174, 1.7.2011, p. 88.⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠUL 396, 30.12.2006, p. 1).

- (10) Għall-applikazzjonijiet l-oħra kollha li bħalissa huma koperti mill-eżenzjoni, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid mhumiex issodisfati. Jenħtieġ li l-eżenzjonijiet għal dawk l-applikazzjonijiet jibqgħu japplikaw għal 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva Delegata skont l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (11) Peress li, għall-applikazzjonijiet biċ-ċomb ikkonċernati mit-tiġdid, ma hemm l-ebda alternattiva disponibbli fis-suq, l-eżenzjoni għal dawk l-applikazzjonijiet jenħtieġ tiġġedded għall-kategoriji 1 sa 7 u 10 għall-perjodu massimu ta' ħames snin sal-21 ta' Lulju 2021. Fid-dawl tar-riżultati tal-isforzi li għaddejjin biex tinsab sostituzzjoni affidabbli, aktarx li t-tul tal-eżenzjoni mhux se jħalli impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.
- (12) Peress li, għall-applikazzjonijiet bil-kadmju kkonċernati mit-tiġdid, ma hemm l-ebda alternattiva disponibbli fis-suq, l-eżenzjoni għal dawk l-applikazzjonijiet jenħtieġ tiġġedded għall-kategoriji 1 sa 7 u 10 għall-perjodu massimu ta' ħames snin sal-21 ta' Lulju 2021. Fid-dawl tar-riżultati tal-isforzi li għaddejjin biex tinsab sostituzzjoni affidabbli, aktarx li t-tul tal-eżenzjoni mhux se jħalli impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.
- (13) Għall-kategoriji l-oħra għajr il-kategoriji 1 sa 7 u l-kategorija 10, l-eżenzjoni attwali tibqa' valida għall-perjodi ta' validità stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2011/65/UE. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li d-dati tal-iskadenza jiżdiedu fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.
- (14) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2011/65/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw, sa mhux iktar tard mid-29 ta' Frar 2020 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Marzu 2020.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fl-Anness III mad-Direttiva 2011/65/UE, l-entrata 21 hija sostitwita b'dan li ġej:

"21	Iċ-ċomb u l-kadmju fil-linka tal-istampar għall-applikazzjoni ta' enameli fuq ħġieġ, bħall-ħġieġ tal-borosilikat u tas-soda lime.	Dan japplika għall-kategoriji 8, 9 u 11 u jiskadi fi: — il-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 8 u 9 għajr għall-apparat mediku dijanjostiku <i>in vitro</i> u l-istrumenti ta' monitoraġġ u ta' kontroll industrijali; — il-21 ta' Lulju 2023 għall-kategorija 8, l-apparat mediku dijanjostiku <i>in vitro</i> ; — il-21 ta' Lulju 2024 għall-kategorija 9, l-istrumenti ta' monitoraġġ u ta' kontroll industrijali, u għall-kategorija 11.
21(a)	Il-kadmju, meta jintuża fil-ħġieġ stampat bil-kulur biex jipprovdi funzjonijiet ta' ffiltrar, użat bħala komponent f'applikazzjonijiet tat-tidwil installati fuq skrins u pannelli tal-kontroll tal-EEE	Dan japplika għall-kategoriji 1 sa 7 u 10, għajr għall-applikazzjonijiet koperti bl-entrati 21(b) jew 39, u jiskadi fil-21 ta' Lulju 2021.
21(b)	Il-kadmju fil-linka tal-istampar għall-applikazzjoni ta' enameli fuq ħġieġ, bħall-ħġieġ tal-borosilikat u tas-soda lime.	Dan japplika għall-kategoriji 1 sa 7 u 10, għajr għall-applikazzjonijiet koperti bl-entrati 21(a) jew 39, u jiskadi fil-21 ta' Lulju 2021.
21(c)	Iċ-ċomb fil-linka tal-istampar għall-applikazzjoni ta' enameli fuq ħġieġ, għajr il-ħġieġ tal-borosilikat	Dan japplika għall-kategoriji 1 sa 7 u 10 u jiskadi fil-21 ta' Lulju 2021."